MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Omissis**
**Raffaella Recchia (ID: 157727A)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis** u **Raffaella Recchia** talli bejn nhar it-28 ta' Lulju, 2018 u sitt xhur qabel din id-data, mill-fond Lidl Malta Ltd Tal-Barrani Road, Ghaxaq, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn elf u mija u tlieta u hamsin ewro (€1153), ghad-detriment ta' Lidl Malta Limited;

2. Talli fl-istess zmien, data, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' aktar minn elf, mija, tlieta u hamsin ewro (€1,153), ghad-detriment ta' Lidl Malta Limited, liema serq hu aggravat, bil-persuna, u bil-hin;

Lil **Raffaella Recchia** wehidha:

3. Approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkonsinnjata lilha minhabba l-kariga u/jew servizz taghha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Lil **Omissis** wahdu:

4. Għad li ma kienx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), tal-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Raffaella Recchia l-awtur tad-delitti fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat; u/jew kien xewwex lil Raffaella Recchia inkella saħħahilha l-volontà taghha sabiex tagħmel id-delitt, jew wegħedha li wara l-fatt jassistiha, jieqaf maghha jew jikkompensha u dan bi ksur tal-artikoli 42 (d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata Raffaella Recchia ammettiet l-imputazzjoni numru tlieta li tirrigwarda r-reat ta' misappropazzjoni u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi fir-rigward tal-imputata Raffaella Recchia l-ewwel u t-tieni imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni;

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet li ssir is-separazzjoni tal-gudizzju in vista tal-ammissjoni ta' Raffaella Recchia, liema talba giet milqugha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputata Raffaella Recchia irrifondiet, seduta stante, is-somma ta' hames mija u sitta u sebghin ewro u hamsin centezmu (€576.50) rapprezentanti nofs is-somma li l-Prosekuzzjoni ndikat bhala dannu soffert mis-socjeta` Lidl Malta Limited;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fir-rigward tal-imputata Raffaella Recchia;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet it-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha. Il-Qorti, wara li semghet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghda tinstab hatja l-imputata, il-fedina penali taghha li hija wahda netta, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkazjoni l-imputata ammettiet il-htija taghha u wkoll irrifondiet sehemha mid-danni rizultanti f'dan l-incident. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-imputata mhix xi kriminal inkallit u m'ghandhiex tigi trattata b'piena karcerarja. Madankollu, bis-sentenza li se tinghata, trid toqghod ferm attenta li ma tikkommettix xi reat kriminali iehor ghaliex altrimenti dawn il-Qrati ikollhom jitrattaw maghha mod iehor.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni tat-tielet imputazzjoni, ssib lill-imputata hatja tal-istess imputazzjoni u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum. In vista ta' dak verbalizzat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni stante li dawn inghataw bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti mhux se tiehu wkoll konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti peress li ma jirrizultax li f'dan il-kaz saru tali spejjez.

Finalment, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hatja fi kliem car, tramite` t-traduttrici, kemm ir-responsabilita' taghha u x'jigri jekk hi tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur